MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1274/2007

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

1. **Arcidiacono Imports Company Limited (C 6560)**
2. **Arcidiacono MFG. Company Limited (C 18089)**
3. **Renato Thomas u Antoinette mizzewgin Arcidiacono**
4. **Franco u Claire mizzewgin Arcidiacono**
5. **Ivano Arcidiacono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c., fejn din, wara li ppremettiet illi:

In forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor John Gambin datat 19 ta' Dicembru 2003 (Dok

“A”), fejn intom ddikjarajtu ruhkom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ mitejn u tlieta u tmenin elf, sitt mija u tmenin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm283, 680.44) – ekwivalenti ghal sitt mija u sittin elf, seba’ mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u sittin Ewro centezmu (€660, 797.67) - flimien ma’ l-imghax u spejjez relattivi.

Ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta’ jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Id-debitu tal-intimati mas-socjeta’ esponenti illum jammonta ghal tlett mija u wiehed u erbghin elf, tlett mija u disgha u sebghin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm341, 379.33) – ekwivalenti ghal seba’ mija u tlieta u disghin elf, disa’ mija u hames Ewro u tlieta u erbghin Ewro centezmu (€793, 905.43) – kwantu ghal mitejn u erbgha u sebghin elf, tlett mija u tnejn u hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm274, 352.39) kapital u sebgha u sittin elf u sitta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm67, 026.95) ghall-interessi sal-15 ta’ Novembru 2007 – oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2007 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt in atti Nutar Dottor John Gambin datat 19 ta’ Dicembru 2003 (Dok. “A”) fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ mitejn u tlieta u tmenin elf, sitt mija u tmenin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm283, 680.44) – ekwivalenti ghal sitt mija u sittin elf, seba’ mija u sebgha u disghin Ewro u sebgha u sittin Ewro centezmu (€660, 797.67) – flimkien ma’ l-imghax, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat ir-risposta ta’ Arcidiacono Imports Company, Arcidiacono MFG. Company Limited, Renato Thomas u Antoinette mizzewgin Arcidiacono, Franco u Claire mizzewgin Arcidiacono u Ivano Arcidiacono fejn dawn eccepew illi:

L-ammont dovut kif jidher fuq l-iskrittura Dok A tirrapresenta dejn konfermat skond l-istess skrittura li tifforma kostituzzjoni ta' debitu.

Ghalhekk l-intimati mhux qed jopponu t-talba li tirrapresenta dejn dovut fuq din l-iskrittura u l-ammonti relattivi salv dawk l-ammonti li thallsu mid-data tal-iskrittura sa llum.

Ghalhekk huwa necessarju li ssir riduzzjoni fit-talba n kwistjoni.

Kwalunkwe talba ghal-imghax ghandha tigi ezaminata minn din l-Onorabbli Qorti bir-reqqa sabiex jigi kostatat li l-imghax li jintalab huwa imghax skond u kif trid il-ligi dana sabiex jigi evitat li jithallas imghax fuq imghax fejn dan mhux permess.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti kollha li biha:

Ai finijiet u effetti kollha tal-ligi jammetti t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta' seba' mija u sebgha u sittin elf u disa' mija u sebgha u erbghin mitt Ewro, u hamsa u disghin centezmi €767, 947.95.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol 53 tal-process li permezz taghha tirriduci l-pretensjoni taghha ghas-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€767, 947.95) flimkien mal-imghax legali mit-12 ta' Mejju 2009 sal-jum tal-effettiv pagament.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tawtorizza l-Bank rikorrent jesegwixxi l-kuntratt datat 19 ta' Dicembru 2003 fl-ammont ta' seba' mija u sebgha u sittin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u hamsa u

sebghin Ewro centezmu (€767, 947.75); flimkien mal-imghax legali mit-12 ta' Mejju 2009 sal-jum tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------